MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1748/2005/1

**David Ellis bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg**
**St. Edward's**

**vs**

**Charles u Ruth konjugi Bonello**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Jannar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-avviz prezentat fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' tlett mija tnejn u disghin lira Maltija (Lm392) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg St. Edwards ghal taghlim u edukazzjoni in konnessjoni ma' l-

attendenza tat-tifel taghhom student fl-istess kullegg, bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li din il-kawza ghandha tieqaf u dana sa' l-ezitu finali tal-kawza ghad-danni inizjata mill-ecipjenti kontra l-istess kullegg (kawza fl-ismijiet Charles Bonello et vs Anthony Saliba noe citaz nru 776/04 TM). Fil-mertu l-konvenuti qalu li l-ammont pretiz mhux dovut stante li f'l-imsemmi perjodu t-tifel taghhom ma kienx jattendi l-imsemmi Kullegg u dan minhabba htija attribwibbli lill-istess Kullegg, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ra l-verbal ta' l-udjenza mizmuma fis-17 ta' Novembru 2005 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-talba tal-konvenuti ghas-soprasessjonji.

Ikkunsidra

L-attur ipproceda quddiem dan it-Tribunal biex jitlob hlas tas-somma ta' tlett mija tnejn u disghin lira Maltija (Lm392) raprezentanti mizati dovuta mill-konvenuti fir-rigward tat-tifel taghhom li huwa, jew kien, student fil-Kullegg St. Edwards.

Il-konvenuti qed jallegaw li binhom ma kienx qed jigi trattat kif suppost f'l-iskola u li kien ghalhekk li huma kienu kostretti johorguh mill-iskola. Il-konvenuti fil-fatt intavolaw proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra l-Kullegg St. Edwards permezz ta' liema proceduri huma qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-Kullegg huwa responsabbli ghal dak li gara lit-tifel stante li naqsu li jiehdu l-mizuri necessarji; u li l-Kullegg huwa responsabbli ghad-danni li allegatament soffrew il-konvenuti odjerjni. Dawn fil-fatt, u cioe il-

konevnuti, qed jikkontendu li l-ewwel ghandha tigi deciza l-kawza pedenti quddiem il-Prim Awla ghax din tista' tinfluwixxi l-ezietu tal-proceduri odjerni.

Il-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghas-soprasessjoni tat-Tribunal; fil-fatt il-paragrafu (b) tas-subartikolu 2 ta'l-artikolu 7 jghid li *t-Tribunal ghandu jissospendi l-procediement tieghu jekk ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal jkollu quddiemu*.

Huwa pacifiku fil-gurispudenza li s-soprasessjoni ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti, fis-sens li l-kwistjoni nvoluta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra tista' tinfluwixxi fuq il-mertu ta' l-azzjoni prezenti (ara f'dan is-sens George Cassar vs Francis Xuereb Appell Civili 12.03.1973; u Francesco Galea vs Pawlu Galea Appell Sede Inferjuri 23.04.1955). Ghalhekk is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra (ref Joseph Degaetano vs Avv Louis Galea Appell Civili 05.10.1981).

Is-soprasessjoni ghalhekk hija ndikata f'dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghall soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta (Joseph Azzopardi vs Victor Critien Qorti Civili Prim Awla 12.04.1962).

Huwa ben stabbilit ukoll li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikorri ghalih **biss** meta tinqala kwistjoni li d-decizjoni taghha tista' tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza **u** fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f'kawza ohra separata. (Ara f'dan is-sens Joseph Gaffarena vs Mixer Concrete Works Limited Qorti Civili Prim Awla 27.05.05; u Carmelo Calamatta vs

Mario Darmenia Appell Sede Inferjuri 12.11.03; Joseph Camilleri vs Joseph Vassallo Gatt Qorti Civili Prim Awla 23.05.1997; u Angelo Mallia vs David Mallia Qorti Civili Prim Awla 31.05.2004).

Fil-kaz in ezami t-talba hija ghall-hlas tal-mizati ta' l-iskola. Il-kawza ntavolata mill-konvenuti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (li kopja taghha hi esebieta a fol 14 et seq tal-process) titlob li jigi dikjarat li l-Kullegg huwa responsabbli ghal dak li gara lit-tifel tal-konvenuti odjerni u dan ghaliex naqas li jiehu mizuri serji hekk kif kien fi dmiru u fil-kompitu tieghu li jaghmel halli jtemm l-abbuz u l-*bullying* fil-konfront tat-tifel. Il-Qorti giet mitluba ukoll tiddikjara lill-Kullegg responsabbli ghad-danni li allegatament soffrew il-konvenuti odjerni.

It-Tribunal jinnota pero li f'dik il-kawza pendenti quddiem il-Prim Awla l-konvenuti ma talbux dikjarazzjoni li huma kellhom xi dritt li unilateralment jitterminaw jew ivarjaw il-"kuntratt" li jidher li kien jezisti bejniethom u jieqfu milli jibghatu lit-tifel l-iskola minghajr ma jaghtu preavviz li l-attur odjern jippretendi li kellu jinghata. Huwa dan il-pern tal-kwistjoni li trid tigi rizolta minn dan it-Tribunal; kwistjoni li l-Qorti Civili mhux ser tindirizza ghax mhux mitluba taghmel hekk. Ghalhekk l-ezitu ta' din il-kawza zgur li mhux ser jinfluwixxi il-procediment odjern b'dak il-mod sostanzjali li jimmerita r-rimedju straordinarju tas-soprasessjoni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ghas-soprasessjoni promossa mill-konvenuti u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kwaza.

Spejjez jigu sopportati mill-konvenuti.**"**

Fl-14 ta' Lulju 2006 l-istess Tribunal iddecieda l-kawza u ppronunzja s-sentenza riprodotta hawn taht:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' tlett mija tnejn u disghin lira Maltija (Lm392) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg St. Edwards ghal taghlim u edukazzjoni in konnessjoni ma' l-attendenza tat-tifel taghhom student fl-istess kullegg, bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li din il-kawza ghandha tieqaf u dana sa' l-ezitu finali tal-kawza ghad-danni inizjata mill-ecipjenti kontra l-istess kullegg (kawza fl-ismijiet Charles Bonello et vs Anthony Saliba noe citaz nru 776/04 TM). Fil-mertu l-konvenuti qalu li l-ammont pretiz mhux dovut stante li f'l-imsemmi perjodu t-tifel taghhom ma kienx jattendi l-imsemmi Kullegg u dan minhabba htija attribwibbli lill-istess Kullegg, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza preliminari mghotija fid-9 ta' Jannar 2006.

Ra x-xhieda ta' David Ellis u Ruth Bonello.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Il-fatti relattivi ghall-ammont li qed jintalab permezz ta' dan l-Avviz ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fuqhom.

Jirrizulta mill-atti li t-tifel tal-konvenuti kien student fil-Kullegg St. Edwards u li l-istess konvenuti kienu jafu x'kienu l-kundizzjonijiet vigenti bejn il-kontendenti stante li huma kienu nghataw kopja ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Jirrizulta wkoll li wahda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li “at least two months notice must be given in writing to the Headmaster before a student is withdrawn from the school. In default of such notice payment of one term’s fees shall be due” (ref klawsola 7.1 tad-dokument E a fol 53 et seq).

Jirrizulta ammess mill-konvenuta (xhieda taghha mghotija fid-19 ta’ April 2006) li l-konvenuti ma baghtux ittra bil-miktub lis-surmast ta’ l-iskola biex jinfurmawh li ma kienux sew jibqghu jibghatu t-tifel l-iskola.

Il-konvenuta tghid li huma ma baghtux it-tifel l-iskola minhabba li, kif qed jallegaw il-konvenuti, it-tifel kien vittma ta’ bullying. Huma (il-konvenuti) anke procedew quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghad-danni sofferti minhabba l-allegat nuqqas ta’ l-iskola li jiehdu mizuri biex jintemm l-allegat bullying (kopja tac-citazzjoni promotarja giet esebieta f’ dawn l-atti a fol 14 et seq). Il-konvenuti pero` permezz ta’ dik ic-citazzjoni ma talbux ukoll ir-rexissjoni tal-kuntratt vigenti bejnhom u l-iskola.

Fil-fatt fil-mumenti li l-konvenuti rcevew il-kont ghall-mizati ta’ l-ahhar *semester* il-kuntratt ta’ bejn il-kontendenti kien ghadu vigenti u konsegwentement il-kundizzjonijiet kollha kienu ghandhom jorbtu lill-partijiet.

Konsegwentement fin-nuqqas tal-avviz bil-miktub mibghut mill-konvenuti lil-attur ai termini tal-klawsoli 7.1 fuq kwotata l-attur huwa gustifikat fit-talba tieghu ghall-hlas ta’ mizati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett mija u tnejn u disghin lira

> (Lm392) bl-imghax mill-21 ta’ Gunju 2005 u bl-ispejjez.”

L-aggravju tal-konvenuti jirrigwarda l-kontestazzjoni tal-provvediment tat-Tribunal fejn dan cahad l-eccezzjoni opposta minnhom tas-soprassessjoni. Huma jissottomettu illi l-kwestjonijiet involuti fl-azzjoni inizzjata minnhom per Citazz. Nru. 776/04/TM kienu tali li d-decizjoni relattiva kienet tinfluwixxi b’ mod dirett fuq il-mertu ta’ l-azzjoni prezenti;

Jirrizulta bhala fatt mill-atti tal-kawza illi filwaqt li l-azzjoni odjerna tal-Kullegg St. Edwards hi diretta ghall-hlas tal-mizata dovuta, dik l-ohra proposta mill-konvenuti appellanti hi diretta ghall-konstatazzjoni ta’ nuqqas ta’ mizuri da parti tal-Kullegg biex jigi skansat “*bullying*” lil iben l-istess appellanti u ghar-rivendika tad-danni allegatament subiti. Mil-premess l-appellanti jippretendu illi l-meriti taz-zewg azzjonijiet huma kollegati u, ghaldaqstant, dik prezenti kellha tistenna l-ezitu tad-decizjoni fil-kawza l-ohra taghhom;

Huwa dejjem xieraq meta tigi ventilata l-eccezzjoni tas-soprassessjoni illi wiehed izomm in mira l-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) Is-soprassessjoni *ut sic* mhix ikkontemplata mill-Kodici ritwali taghna ghaliex dan jipprovdi biss ghall-konnessjoni tal-kawzi jew tal-*lis alibi pendens* (Artikolu 792 sa 794, Kapitolu 12). Ir-rimedju jidher li gie introdott bhala wiehed straordinarju biex jeghleb id-diffikulta fejn kawza wahda tkun tressqet quddiem Qorti kompetenti u l-ohra fuq l-istess oggett quddiem tribunal. Ad ezempju, il-Bord li Jirregola l-Kera. Ara ghal aktar dettal fuq dan l-aspett is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta’ Awissu 1994 in re: “**Lawrence Cuschieri -vs- L-Onorevoli Prim Ministru *et***”;

(2) In vista ta' din l-istraordinarjeta tieghu gie kawtelat illi "l-Qorti ghandha tirrikorri biss meta huwa mehtieg fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja x' hin tinqala xi kwistjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba n-natura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tigi ezaminata u deciza hlief f' kawza ohra separata li trid tigi proposta appozitament". ("**Giovanna Cardona -vs- Carmelo Pisani**", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1957);

(3) La r-rimedju hu wiehed fakoltativ rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant, gie ammonit ukoll illi tali fakolta "ma ghandhiex tigi sfurzata u ezagerata", ghaliex altrimenti jkun bizzejjed li l-parti li tqajjem l-eccezzjoni, tissolleva l-punt u b' hekk tarena l-kawza quddiem it-tribunal. Ara "**Francesco Spiteri -vs- Giuseppe Sghendo *et***", Appell, 9 ta' Mejju 1955;

Affermati dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti, bhal Bord qabilha, ma ssibx li s-soprassessjoni invokata hi indikata fil-kaz prezenti. Bir-rispett dovut, din il-Qorti ma tarax kif is-soluzzjoni tal-kawza l-ohra pprezentata mill-appellanti, hekk wahda tendenti ghar-rizarciment ta' danni, tista' tinfluwixxi, postivament jew negativament, fuq l-azzjoni pprezentata mill-Kullegg ghall-hlas tal-mizati fit-termini tar-Regolamenti ta' l-istess Kullegg ghal liema ssottoskrivew l-appellanti (ara dokumenti minn fol. 51 sa fol. 56);

Ibda biex, mill-premessi taz-zewg azzjonijiet ma tirrizulta ebda interdependenza. Dan ghaliex, kif korrettement denotat mit-Tribunal, f' dik il-kawza l-ohra ma ntalbet ebda rizoluzzjoni tal-kuntratt sottoskritt u, allura, ovvjament il-Qorti adita b' dik il-kawza l-ohra mhix ser tindirizza l-kwestjoni ta' xi ksur tar-Regolamenti u tan-nuqqas ta' preavviz li kellu jinghata tahthom. Hu veru, imbaghad li mill-punto di vista purament soggettiv is-soprassessjoni mitluba tista' tkun ta' utilita ghall-appellanti. Tali utilita, pero`, ma tistax, oggettivament, tekwipara ghal dik tan-

necessita` guridika li twaqqaf u tarresta l-kontinwazzjoni ta’ l-istanza promossa mil-Kullegg. Ikollu jinghad, b’ ri-affermazzjoni, illi meta l-kwestjoni tkun tista’ tigi liberament deciza u ezaminata s-soprassessjoni m’ ghandhiex tigi ordnata. Dan skond l-opinjoni konformi espressa mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a **Vol. XLI P I p 507**. Certament, fil-fattispeci, u in bazi ghac-cirkostanzi partikulari, ordni ta’ akkoljiment ta’ l-eccezzjoni la hi spedjenti u lanqas fl-interess ta’ l-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-aggravju sottomess fuq il-motiv dedott mhux gustifikat u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma l-provvediment moghti mit-Tribunal, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------